IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

**Brussel, 4 ta' Diċembru 2003**

**15634/03**

**COHOM 47**
**PESK 762**
**CIVCOM 201**
**COSDP 731**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Minn: | Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PSC) |
| Lil: | Coreper/Kunsill |
| Suġġett: | Il-linji gwida ta' l-UE dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati |

1. At its meeting on 4 December, the Political and Security Committee (PSC) agreed on the text of "EU Guidelines on Children and Armed Conflict", prepared by the Council Working Party on Human Rights (COHOM). PSC also took note of the advice on these guidelines prepared by the Committee on Civilian aspects of Crisis Management (CIVCOM) and the Military Committee (EUMC).

2. Coreper is invited to:
   - examine the EU Guidelines on Children and Armed Conflict as set out in Annex at its meeting on 4 December 2003,
   - recommend that the Council approves these Guidelines as an A-item at its meeting on 8/9 December 2003.

## IL-LINJI GWIDA TA' L-UE DWAR IT-TFAL U L-KUNFLITTI ARMATI

## I. I. IT-TFAL U L-KUNFLITTI ARMATI

1. Fl-aħħar għaxar snin weħidhom, il-konflitti armati huma stmati li ħadu l-ħajja ta' il fuq minn żewġ miljun tifel u tifla u mmankaw b'mod fiżiku sitt miljun oħra. Il-konflitt iċaħħad it-tfal mill-ġenituri, minn min jieħu ħsiebhom, mis-servizzi soċjali bażiċi, mill-kura għas-saħħa u l-edukazzjoni. Hemm madwar għoxrin miljun tifel u tifla spostati u refuġjati, filwaqt li oħrajn huma miżmumin ostaġġi, maħtufa jew traffikati. Sistemi tar-reġistrazzjoni tat-twelid u sistemi tal-ġustizzja taż-żgħażagħ jaqgħu. Fi kwalunkwe ħin, huwa stmat li hemm ta' l-inqas 300,000 tifel suldat li jipparteċipaw f'konflitti.

2. It-tfal għandhom bżonnijiet speċjali fil-perijodu qasir u twil ta' wara l-kunflitt, bħal per eżempju li jittraċċaw il-membri tal-familja, ir-riparazzjoni u l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid, il-programmi ta' rijabilitazzjoni psiko-soċjali, il-parteċipazzjoni fid-diżarmament, il-programmi ta' demobilizzazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid kif ukoll fi ħdan il-qafas transizzjonali tal-ġustizzja.

3. F'ħafna sitwazzjonijiet, tibqa' l-arja ta' impunità għal dawk li jwettqu reati kontra t-tfal, kif hemm imniżżel fil-liġi umanitarja internazzjonali u l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

4. Il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal (CRC) hija kważi ratifikata b'mod universali, iżda bl-ebda mod ma hija applikata b'mod universali. B'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' konflitti armati, it-tfal ibatu b'mod sproporzjonat, f'diversi modi, u b'effetti li jdumu. L-impatt tal-konflitti armati fuq il-ġenerazzjonijiet futuri jista' jiżra' ż-żerriegħa sabiex il-kunflitti jkomplu jew jerġgħu jibdew. Il-Protokoll Fakultattiv għas-CRC dwar l-involviment tat-tfal f'konflitti armati mmira sabiex jikkontrattakka din is-sitwazzjoni.

## II. SKOP

5. L-avvanz u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal huma l-prijorità tal-politika ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-Unjoni Ewropea (UE) tqis li huwa ta' importanza kritika li tindirizza s-suġġett tat-tfal u l-konflitti armati kemm għaliex il-futur huwa f'idejn it-tfal, kif ukoll għaliex huma għandhom drittijiet, kif imniżżla fis-CRC, il-Protokolli Fakultattivi tiegħu u l-istrumenti internazzjonali u reġjonali oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE tipprova tqajjem għarfien dwar dan is-suġġett billi tagħti aktar prominenza lill-azzjonijiet ta' l-UE f'dan il-qasam, kemm fl-UE kif ukoll lejn terzi persuni.

6. L-UE tobbliga ruħha li tindirizza l-impatt fil-perijodu qasir, medju u twil tal-konflitti armati fuq it-tfal b'mod effettiv u komprensiv, billi tagħmel użu minn varjetà ta' għodda għad-disposizzjoni tagħha, u tibni fuq attivitajiet tal-passat u attwali (ħarsa ġenerali ta' l-azzjonijiet ta' l-UE f'Anness I). L-objettiv ta' l-UE huwa li tinfluwenza pajjiżi terzi u atturi li mhumiex stati sabiex jimplimentaw in-normi u l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja, kif ukoll l-istrumenti reġjonali tal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem (kif hemm f'Anness II) u biex jieħdu l-miżuri effettivi sabiex jipproteġu t-tfal mill-effetti tal-konflitti armati, li jtemmu l-użu tat-tfal fl-armati u l-gruppi armati, u sabiex itemmu l-impunità.

## III. PRINĊIPJI

7. L-UE hija mwaqqfa fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt. Dawn il-prinċipji huma komuni fl-Istati Membri. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa fost l-objettivi ċentrali tal-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni ta' l-UE (CFSP), li tinkludi l-Politika tad-Difiża u s-Sigurtà Ewropea (ESDP). Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa wkoll parti mill-politika tal-Komunità fir-rigward tal-kummerċ u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u l-għajnuna umanitarja.

8. L-avvanz u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal kollha huma tħassib prijoritarju ta' l-UE u l-Istati Membri tagħha. Fix-xogħol tagħha sabiex tiżgura l-protezzjoni tat-tfal milquta minn kunflitti armati, l-UE hija ggwidata minn-normi u *standards* rilevanti internazzjonali u reġjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja inkluż, *inter alia*, dawk li hemm fl-AnnessII.

9. L-UE tagħti appoġġ lix-xogħol ta' l-atturi rilevanti, b'mod partikolari s-Segretarju Ġenerali tan-NU, ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għat-Tfal u l-Kunflitti Armati, il-UNICEF, il-UNIFEM, l-OHCHR, il-UNHCR, il-UNDP, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kunsill ta' l-Ewropa, l-OSCE/ODIHR kif ukoll il-Mekkanizmi Speċjali tan-NU u atturi rilevanti oħra bħall-ICRC, in-*Network* tas-Sigurtà tal-Bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-UE ser tikkontribwixxi b'mod pro-attiv u taħdem ma' dawn l-atturi sabiex tiżgura li s-salvagwardji internazzjonali eżistenti għad-drittijiet tat-tfal jissaħħu u jkunu implimentati b'mod effettiv.

## IV. LINJI GWIDA

Moniteraġġ, rappurtar u stimi regolari jifformaw il-bażi għall-identifikazzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn tissejjaħ l-azzjoni ta' l-UE. Fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' l-immaniġġar ta' kriżijiet immexxija mill-UE, it-teħid tad-deċiżjonijiet isir każ b'każ, b'kont meħud tal-mandat potenzjali għall-azzjoni speċifika u l-mezzi u l-kapaċitajiet li huma disponibbli għall-UE.

### A. Monitoraġġ u rapporti

10. Fir-rapporti perijodiċi tagħhom u fejn hu rilevanti, il-Kapijiet tal-Missjoni ta' l-UE, il-Kapijiet tal-Missjoni ta' l-operazzjonijiet ċivili, il-Kmandanti Militari ta' l-UE (permezz tal-katina tal-kmand) kif ukoll ir-Rappreżentanti Speċjali ta' l-UE ser jinkludu analiżi ta' l-effetti tal-konflitti jew konflitti potenzjali fuq it-tfal. Dawn ir-rapporti għandhom jindirizzaw b'mod partikolari l-vjolazzjonijiet u l-abbużi kontra t-tfal, l-ingaġġar u l-iskjerament ta' truppi ta' tfal minn armati u gruppi armati, il-qtil u l-immankar tat-tfal, l-attakki kontra l-iskejjel u l-isptarijiet, l-imblukkar ta' aċċess umanitarju, il-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq is-sesswalità kontra t-tfal, il-ħtif ta' tfal u l-miżuri meħuda mill-partijiet fil-każ sabiex jiġġielduhom. Fejn xieraq, dawn jinkludu fir-rappurtar normali tagħhom stima perijodika ta' l-effett u l-impatt ta' l-azzjonijiet ta' l-UE fuq it-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt. It-tagħlim meħud mill-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet ta' l-UE jistgħu jiffurmaw sors importanti ieħor ta' tagħrif għall-gruppi ta' ħidma kompetenti sakemm dawn ma jkunux klassifikati.

11. Il-Kummissjoni ser tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill u ta' l-Istati Membri għar-rappurtar rilevanti f'dan il-qasam u tipprovdi aktar informazzjoni, fejn xieraq u meħtieġ, dwar proġetti li jirċievu fondi mill-Komunità mmirati lejn it-tfal u l-kunflitti armati u r-rijabilitazzjoni ta' wara l-kunflitt. L-Istati Membri ser iżidu ma' din il-ħarsa ġenerali billi jipprovdu informazzjoni dwar il-proġetti bilaterali f'dan il-qasam.

**B. Stima u rakkomandazzjonijiet għall-azzjoni**

12. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) f'koordinazzjoni mill-qrib ma' gruppi ta' ħidma rilevanti oħra, abbażi tar-rapporti msemmija hawn fuq u informazzjoni rilevanti oħra, bħal rapporti u rakkomandazzjonijiet mill-UNSG (inkluż il-lista ta' partijiet li għandhom sehem f'kunflitti armati li jingaġġaw jew jużaw it-tfal kif hemm mehmuż mar-rapport annwali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar it-tfal u l-kunflitti armati), ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għat-Tfal u l-Konflitti Armati, il-UNICEF, il-Mekkaniżmi Speċjali tan-NU u l-Għaqdiet tat-Trattat tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi, għandu, f'intervalli regolari jidentifika sitwazzjonijiet fejn tissejjaħ l-azzjoni ta' l-UE, b'mod partikolari fejn iqumu sitwazzjonijiet allarmanti li jitolbu attenzjoni immedjata, u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal tali azzjoni bħal din fuq livell xieraq (PSC/Coreper/Kunsill).

**C. L-għodda ta' l-UE għall-azzjoni fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi**

L-UE għandha disponibbli varjetà ta' għodda għall-azzjoni. L-UE ser tibni fuq inizjattivi eżistenti sabiex tikkonsolida, issaħħaħ u tavvanza l-azzjonijiet ta' l-UE għat-tfal affettwati minn kunflitti armati (bħal f'Anness I). Minbarra dan, l-għodda disponibbli għall-UE jinkludu, *inter alia*, li ġejjin:

13. <u>Djalogu politiku</u>: Il-komponent tad-drittijiet tal-bniedem tad-djalogu politiku bejn l-UE u pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali għandu, fejn ikun rilevanti, jinkludi l-aspetti kollha tad-drittijiet u l-ġid tat-tfal matul sitwazzjonijiet fiż-żmien ta' qabel il-konflitt, matul il-konflitt u wara l-konflitt.

14. Proċeduri Politiċi: L-UE ser tagħmel proċeduri politiċi u toħroġ dikjarazzjonijiet pubbliċi biex tħeġġeġ il-pajjiżi terzi rilevanti jieħdu miżuri effettivi sabiex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal mill-effetti tal-kunflitti armati, itemmu l-użu tat-tfal fl-armati u l-gruppi armati u sabiex itemmu l-impunità. Ir-Rappreżentanti Speċjali ta' l-UE u l-Kapijiet tal-Missjoni ikollhom l-obbligu li jibqgħu jindirizzaw is-suġġett ma' atturi li mhumiex stati fejn ikun rilevanti. Fejn xieraq, l-UE tirreaġixxi wkoll għall-iżviluppi pożittivi li jkunu saru.

15. Kooperazzjoni multilaterali: il-Komunità tieħu sehem fi proġetti ta' l-għoti ta' fondi relatati mat-tfal u l-konflitti armati f'diversi oqsma, b'mod partikolari għad-Diżarmament, id-Demobilizzazzjoni, l-Integrazzjoni mill-Ġdid u r-Rijabilitazzjoni (DDRR) u permezz ta' għajnuna umanitarja. Il-Kummissjoni ser tidentifika possibbiltajiet sabiex ikun estiż tali appoġġ, per eżempju fil-kuntest tal-Karti ta' l-Istrateġija tal-Pajjiż u r-reviżjonijiet ta' Nofs Perijodu tagħha. Bl-istess mod, l-Istati Membri ser ifittxu li jirriflettu l-prijoritajiet mniżżla f'dawn il-linji gwida fil-proġetti ta' kooperazzjoni bilaterali tagħhom.

16. Operazzjonijiet għal maniġġar ta' kriżijiet: matul il-proċess ta' ippjanar, il-kwistjoni tal-protezzjoni tat-tfal għandha tkun indirizzata b'mod xieraq. F'pajjiżi fejn l-UE tieħu sehem f'operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet, u b'kont meħud tal-mandat ta' l-operazzjoni u l-mezzi u l-kapaċitajiet disponibbli għall-UE, l-ippjanar operazzjonali għandu jieħu kont, kif xieraq, tal-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal, b'kont meħud tal-vulnerabbiltà partikolari tat-tfal bniet. Sabiex jintlaħqu r-riżoluzzjonijiet rilevanti ta' l-UNSC, l-UE ser tagħti attenzjoni speċjali għall-protezzjoni, il-ġid u d-drittijiet tat-tfal f'kunflitti armati, meta tieħu azzjoni mmirata lejn iż-żamma tal-paci u s-sigurtà.

17. Filwaqt li tagħmel użu mid-diversi għodda disponibbli, l-UE ser tfittex li tiżgura li jingħata kont tal-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal f'approċċi ta' twissija bikrija u preventiva kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' konflitt attwali, negozjati ta' paċi, ftehim ta' paċi, li tiżgura li r-reati kontra t-tfal ikunu esklużi minn kull amnestiji, fażijiet ta' rikostruzzjoni ta' wara l-konflitt, rijabilitazzjoni, integrazzjoni mill-ġdid u żvilupp fit-tul. F'dan il-kuntest, l-UE ser tieħu vantaġġ ta' u tibni fuq l-esperjenza miksuba fi ħdan is-sistema tan-NU u l-organizzazzjonijiet reġjonali. Il-bniet u dawk li huma refuġjati, spostati, separati, maħtufa jew milquta mill-HIV/AIDS, li għandhom diżabilità, soġġetti għall-esplojtazzjoni sesswali jew f'detenzjoni huma vulnerabbli b'mod partikolari.

18. Taħriġ: Il-Kunċett koordinat ta' Taħriġ ta' l-UE fil-qasam ta' l-immaniġġar ta' kriżijiet għandu jieħu kont ta' l-implikazzjonijiet ta' dawn il-linji gwida.

19. Miżuri oħra: L-UE tista' tqis li tagħmel użu minn għodda oħra disponibbli fejn xieraq, bħall-impożizzjoni ta' miżuri mmirati.

## V. IMPLIMENTAZZJONI U SEGWITU

20. Minbarra dan, il-COHOM huwa mitlub li:

a) jissorvelja l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni ta' l-UE meħuda skond dawn il-linji gwida u għal dak il-għan jiżviluppa modalitajiet sabiex jagħmel il-paragrafu 12 operazzjonali. F'dan il-kuntest, qed issir riferenza għall-konkluzjonijiet tal-GAC tal-25 ta' Ġunju 2001, li fakkru li l-azzjonijiet tal-Komunità għandhom ikunu konsistenti ma' l-azzjonijiet ta' l-UE fl-intier tagħhom;

b) jippromwovi u jħares l-integrazzjoni tas-suggett tat-tfal u l-kunflitti armati matul il-politika u l-azzjonijiet rilevanti kollha ta' l-UE;

c) jagħmel reviżjoni kontinwa ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-gruppi ta' ħidma rilevanti, ir-Rappreżentanti Speċjali, il-Kapijiet tal-Missjoni, il-Kapijiet tal-Missjoni ta' l-operazzjonijiet ċivili u l-Kmandanti Militari ta' l-UE (permezz tal-linja tal-kmand);

d) jibqa' jeżamina, kif xieraq, aktar modi ta' kooperazzjoni man-NU u organizzazzjonijiet intergovernattivi internazzjonali u reġjonali oħra, l-NGOs kif ukoll l-atturi korporattivi f'dan il-qasam;

e) jirrapporta lill-PSC fuq bażi annwali dwar il-progress li jkun sar sabiex jitwettqu l-objettivi mniżżla f'dawn il-linji gwida;

f) jissottometti valutazzjoni ta' dawn il-linji gwida lill-Kunsill, sentejn wara l-adozzjoni ta' dawn il-linji gwida, b'rakkomandazzjonijiet għal titjib jew aġġornamenti kif xieraq;

g) Fuq dik il-bazi, jikkonsidra li jistabbilixxi punt fokali (per ezempju grupp specjali ta' esperti jew Rapprezentant Specjali) sabiex jiżgura l-implimentazzjoni futura ta' dawn il-linji gwida.

===============

**Anness I**

**Azzjonijiet ta' l-UE fil-qasam tat-Tfal u l-Konflitti armati (INDIKATTIV)**

*Strumenti tal-PESK*

1. Il-Konkluzjonijiet tal-Kunsill ta' l-10 ta' Diċembru 2002 (dok. 15138/02, paġna 9).
2. Il-Pożizzjonijiet Komuni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-igvernar tajjeb fl-Afrika (98/350/PESK).
3. Il-Pożizzjonijiet Komuni dwar ir-Rwanda, is-Somalja, Sierra Leone, iż-Żimbabwe, Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, in-Niġerja, il-Liberja, l-Angola, Kuba (inkluż l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet immirati f'xi wħud minn dawn il-każijiet).
4. Il-Pożizzjoni Komuni dwar l-ICC (2001/433/PESK kif emendata bis-CP 2002/474/PESK).
5. L-Azzjonijiet Konġunti (Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Ossetja ta' Isfel, il-Bosnia u Ħerzegovìna, id-diversi rappreżentanti speċjali), u l-Istrateġiji Komuni (ir-Russja, l-Ukraina, ir-reġjun tal-Mediterran).
6. Il-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjoni ta' Armi adottat fit-8 ta' Ġunju 1998. Xogħol għaddej sabiex jiddaħħlu kontrolli madwar l-UE dwar l-esportazzjoni ta' apparat paramilitari.
7. Il-pożizzjoni Komuni dwar djamanti minn postijiet ta' konflitt u r-Regolament tal-Kunsill li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-Proċess ta' Kimberley għan-negozju internazzjonali fid-djamanti ħorox (dok. 15328/02).
8. Il-linji gwida tal-politika ta' l-UE lejn pajjiżi terzi dwar it-tortura u t-trattamenti jew il-pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (dok. 7369/01) u d-dokument ta' ħidma sabiex ikunu implimentati l-linji gwida (dok. 15437/02).
9. Il-Linji Gwida ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-Piena tal-Mewt (dok. 9199/98).
10. Il-Linji Gwida ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-Djalogi tad-Drittijiet tal-Bniedem (dok. 14469/01).

*Immaniġġar ta' Kriżijiet (ESDP)*

11. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar l-Operazzjoni ta' Artemis fil-Bunia, Repubblika Demokratika tal-Kongo (dok. 10369/03).
12. L-operazzjonijiet ta' l-immaniġġar ta' kriżijiet fil-Bosnia u Ħerzegovìna, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.
13. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dikjarazzjoni mill-UE u n-NU dwar il-kooperazzjoni bejn it-tnejn fl-immaniġġar ta' kriżijiet (dok. 12875/03).
14. Il-Konkluzjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Lulju ta' l-2003 dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU dwar l-immaniġġar ta' kriżijiet: il-protezzjoni ta' persuni ċivili fl-operazzjonijiet ta' l-immaniġġar ta' kriżijiet immexxija mill-UE (dok. 11439/03).
15. L-abbozz ta' linji gwida dwar il-protezzjoni ta' persuni ċivili fl-operazzjonijiet ta' l-immaniġġar ta' kriżijiet immexxija mill-UE (dok. 14805/03).

16. Il-kunċett komprensiv ta' l-UE għall-missjonijiet fil-qasam tal-istat tad-dritt fl-immaniġġar ta' kriżijiet, inkluż l-annessi (dok. 9792/03).
17. L-implimentazzjoni tal-programm ta' l-UE għall-Prevenzjoni ta' Konflitti Vjolenti (dok. 10680/03). Dan il-programm jistabilixxi d-diversi inizjattivi ta' l-UE meħuda fil-kuntest tal-prevenzjoni tal-konflitti, inkluż it-taħriġ ta' l-uffiċjali.
18. L-armonizzazzjoni tat-taħrig għall-aspetti ċivili ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżijiet u r-reklutaġġ (dok. 11675/1/03) u l-Kriterji Komuni għat-taħriġ għall-aspetti ta' l-UE ta' l-aspetti ċivili ta' l-immaniġġar (dok. 15310/03).
19. Il-KE ikkontribwiet sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet tan-NU fl-oqsma bħall-insedjament rapidu, it-taħriġ u d-DD&R (diżarmament, demobilizzazzjoni u integrazzjoni mill-ġdid). Il-Kummissjoni u l-Unità tal-Politika tas-Segretarjat tal-Kunsill żviluppaw ukoll "indikaturi tal-konflitt" (listi ta' osservazzjoni ta' pajjizi f'sitwazzjonijiet diffiċli). Eżempju ta' programm minnhom huwa l-kooperazzjoni ma' l-Unjoni ta' l-Afrika sabiex jittejjeb il-bini tal-kapaċità tagħha għas-soluzzjonijiet paċifiċi ta' konflitti u l-kooperazzjoni *desk to desk* mal-pajjiżi imsieħba li jkopru setturi speċifiċi bħall-esportazzjoni illegali ta' l-injam u r-riżorsi ta' l-ilma.

*Strumenti tal-Komunità (kooperazzjoni ta' l-iżvilupp, il-kummerċ u l-għajnuna umanitarja)*

20. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar ir-Responsabbiltà Socjali Korporattiva (dok. 5049/03).
21. Diversi Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, b'mod partikolari l-Ftehim tal-ACP-UE ta' "Cotonou", fihom paragrafi speċifiċi dwar it-tfal, il-prevenzjoni tal-konflitti, id-drittijiet tal-bniedem.
22. L-għajnuna u l-protezzjoni tat-tfal vulnerabbli tidher fil-kuntest akbar tal-qerda tal-faqar, għalhekk, fil-qafas tal-koperazzjoni ta' l-iżvilupp tal-KE. It-tfal huma grupp fokali importanti ta' għajnuna esterna, b'mod partikolari fil-politika ta' setturi bħall-edukazzjoni u s-saħħa. Diversi attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mat-tfal jingħataw fondi mill-KE permezz ta' l-ECHO, l-EDF, u l-EIDHR.
23. L-għajnuna u l-protezzjoni tat-tfal involuti f'kunflitti armati tgħaddi permezz ta' numru ta' programmi tal-Kummissjoni. L-avvanz tad-drittijiet tat-tfal kien wieħed mill-prijoritajiet għall-għoti ta' fondi taħt l-Inizjattiva Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fl-2001 u huwa ntegrat fil-finanzjament għall-perijodu 2002-2004.

24. Attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mat-tfal kienu wieħed mit-tliet prijoritajiet għall-istrateġija ta' l-ECHO 2003. Fil-passat l-ECHO tat sostenn lill-operazzjonijiet umanitarji immirati lejn it-tfal. Eżempji ta' proġetti ta' l-2001 u 2002 jinkludu: proġetti ta' demobilizzazzjoni, rijabilitazzjoni u integrazzjoni mill-ġdid (l-Uganda), proġetti ta' saħħa u nutrizzjon (is-Sudan, il-Kolombja, il-Palestina), appoġġ psikosocjali (is-Sierra Leone, is-Sudan, ix-Xatt tal-Punent, il-Medda ta' Gaza u l-Libanu), għoti ta' fondi lil skejjel f'kampijiet ta' emerġenza għall-persuni spostati (ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, is-Sudan, is-Sierra Leone u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonija fost oħrajn), it-tiftix tal-familji u l-għaqda mill-ġdid (il-Kolombja).
25. L-ECHO tat wkoll fondi għar-riċerka u l-attivitajiet ta' promozzjoni ta' "*Save the Children*", "*Belgian Red Cross*" u oħrajn, u qiegħda tikkunsidra tagħti appoġġ inizjattiva ta' l-UNICEF li ttejjeb id-disponibbiltà ta' *data* ta' kwalità dwar tfal affetwati minn konflitti armati.

*Azzjoni fil-Fora Multilaterali*

26. Ir-Riżoluzzjonijiet dwar id-drittijiet tat-tfal imdaħħla mill-UE, flimkien mal-GRULAC, fil-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tielet Kumitat ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU abbażi annwali. Dawn ir-riżoluzzjonijiet fihom paragrafi dwar it-tfal u l-konflitti armati.
27. Id-dikjarazzjonijiet ta' l-UE fil-, u l-kontribut lill-Kunsill tas-Sigurtà, UNGA, CHR u UNGASS (8-10 ta' Mejju 2002), Kunsens ta' Monterrey.

*Il-Parlament Ewropew*

28. Il-PE sejjaħ lill-Kunsill sabiex jadotta strateġija limitata dwar it-tfal u l-konflitti armati fir-Rapport Annwali tiegħu ta' l-2003 (adottat f'Settembru).
29. L-Assemblea Parlamentari Konġunta ta' l-UE-ACP adottat riżoluzzjoni dwar it-tfal u l-konflitti armati fil-laqgħa tagħha tat-12 ta' Ottubru f'Ruma, wara rapport minn żewġ membri tagħha, ippubblikat f'Ġunju 2003.

**Anness II**

**L-istrumenti reġjonali u internazzjonali rilevanti**

*Drittijiet tat-Tfal*

- Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, 1989
- Il-Protokoll Fakultattiv II tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar l-involviment tat-tfal f'konflitti armati, 2002
- Il-Protokoll Fakultattiv I tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, 2002
- Il-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet u l-Ġid tat-Tfal, 1990
- Il-Konvenzjoni 182 ta' l-ILO dwar il-Projbizzjoni u l-Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni ta' l-Agħar Forom tax-Xoghol tat-Tfal, 1999

*Liġi Umanitarja Internazzjonali, Refuġjati u IDPs*

- Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar it-Trattament tal-Priġunieri tal-Gwerra, 1949
- Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Ċivili fi Żmien ta' Gwerra, 1949
- Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tat-12 ta' Awwissu 1949, u Dwar il-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Kunflitti Armati Internazzjonali (Protokoll I), 1978
- Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tat-12 ta' Awwissu 1949, u Dwar il-Protezzjoni tal-Vittmi ta' Konflitti Armati mhux Internazzjonali (Protokoll II), 1977
- Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refugjati, 1951
- Il-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refugjati, 1967
- Il-Prinċipji Gwida dwar l-Ispostament Intern, 1998

*Liġi Kriminali Internazzjonali*

- L-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, 2002
- L-Istatut Emendat tat-Tribunal Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni ta' Persuni Responsabbli ta' Ksur Serju tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali li saru fit-Territorju ta' dik li qabel kienet il-Jugoslavja mill-1991, 1993 (kif emendat fl-1998, 2000, 2002)
- L-Istatut tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għar-Rwanda, 1994

*Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà*

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1261 (1999)
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1314 (2000)
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1379 (2001)
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1460 (2003)

-------------------